MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 838/2014

**Anthony sive Antoine Vassallo u Antonia Vassallo**

**Vs**

**HSBC Bank Malta plc**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fl-24 ta’ Settembru, 2014, l-atturi ppremettew u talbu:-

> *1. Premess illi r-rikorrenti huma debituri tal-bank HSBC Bank Malta plc u in esekuzzjoni tal-kreditu taghha l-istess bank ipprocediet bis-Subbasta (Immobbli) numru 10/06 fir-rigward tar-razzett bl-isem ‘Ringleader’ bl-accessorji tieghu u l-art madwaru maghruf bhala ‘Tal-Hakem’ siva ‘Ta’ Kola tal-Baghli’ fl-inhawi ‘Ta’ Ballura’ Dingli proprjeta tar-rikorrenti;*

*2. U Billi l-proceduri fuq imsemmija bdew fit-12 ta' Jannar 2006 b'rikors tal-bank u gew kompluti nhar is-6 ta' Dicembru 2012 meta l-fond giet liberata definitament favur terz, certu Vincenzo Antonio Gualato li offra s-somma ta' miljun u disa' mitt elf Euro (€1,900,000);*

*3. U Billi dan it-terz naqas li jhallas il-prezz minnhu offert fit-terminu moghti fl-art 328 tal-Kap 12 u ghalhekk il-Bank kreditur talbet li s-subbasta premessa terga tigi appuntata mill-gdid;*

*4. U Billi dina l-Onorabbli Qorti b'digriet taghha tat-30 ta' Mejju 2013 iddecidiet billi laqghet it-talba tal-Bank izda b'diversi kundizzjonijiet fosthom:*

*(a) Li jinhatar perit tekniku biex jaghmel valutazzjoni gdida tal-fond biex jinghata valur realistiku stante it-trapass ta' zmien;*

*(b) Li l-bejgh ghandu jsehh qisu qed isir mill-gdid;*

*5. U Billi ghandhu jigi enfasizzat li fid-digriet taghha l-Qorti espressament cahdet it-talba tal-Bank kreditur li "l-fond jinbiegh b'kwalunkwe prezz tal-oghla offerta ta' dak in-nhar li tizboq dik tal-ksur tal-kwindena mill-Bank of Valletta plc bla ebda ksur ulterjuri ta' kwindena f'dan l-istadju";*

*6. U Billi ghalhekk fl-4 ta' Marzu 2014 il-Perit Tekniku Alexei Pace ghamel relazzjoni tieghu fl-atti tas-subbasta fir-rigward ta' din il-proprjeta. Dan il-perit b'mod inspjegabbli ikkunsidra li l-valur tal-fond kien* ***inqas*** *minn dak li kien stabbilitt mill-ewwel perit Paul Micallef fir-relazzjoni tieghu presentata f' l-1 ta' settembru, 2006. Dana qed jinghad in kwantu t-tieni perit kien ikkonferma (a) li llum il-gurnata l-MEPA bdiet thaddan politika dwar stabbilimenti ghall-agriturizmu jew uzu iehor simili, (b) li s-sit mhix kolpita b' xi 'policy' ambjentali u (c) li ghalhekk il-fond in kwistjoni jista' jintuza b'mod iktar ampju mill-ewwel rapport meta l-unika uzu permess ghall-fond kien l-uzu ekwestri; (d) Huwa utili li wiehed jissottolinea li l-istess perit kien qal dwar il-proprjeta li dina ma taqa' taht l-ebda grad ta' protezzjoni ambjentali jew kulturali;*

*7. U Billi wiehed jippretendi li f'medda ta' kwazi ghaxar snin il-valur tal-proprjeta tkun kibret mhux naqset, dan partikolarment fil-kaz tallum fejn l-uzu li jista' jsir mis-sit huwa izjed ampju minn dak li kien vigenti fi zmien l-ewwel stima. Ghelhekk id-differenza fil-valur tistona, partikolarment in vista ghar-ragunijiet premessi u billi ma hijiex bl-ebda mod spjegata fir-rapport tal-Perit;*

*8. U Billi inoltre* ***l-istess stima hija monka u mhix konformi mal-ligi****, u dana ghar-ragunijiet segwenti;*

*9.* ***U Billi l-istima ma segwietx l-artikoli 308(2) u 310(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta*** *ghaliex ma fihiex deskrizzjoni tal-provenjenza tal-istess proprjeta, liema nuqqas jista jkun ta' deterrent ghax-xerrejja prospettivi; u ghalhekk l-istima irrita u nulla;*

*10.U Billi inoltre **l-ligi tirregola kif ghandu jigi nominat perit u din in-nomina ma saritx fit-termini tal-ligi**, billi anke kieku kella ssir stima gdida, dan kellu jsir mill-istess perit li kien gja gie nominat biex jirrevedi u jaggorna l-istima ta' l-istess proprjeta subbastandi. Minn esami tal-proceduri tas-subasti ghandu jirrisulta li l-ebda subbasta immobili qatt ma bdiet bi stima ta' perit u spiccat bi stima differenti ta' perit differenti;*

*11.U billi l-esponent b' rikors appositu kien talab spjegazzjoni dwar in-nomina tal-istess perit kif ukoll accertament li l-istess perit hekk nominat ma kellu l-ebda konessjoni jew rabta mal bank kreditur;*

*12.U Billi l-istess perit kien irrisponda li r-relazzjoni tieghu mal-bank kreditur kienet dik ta' klijent normali u meta gie mitlub xi jfisser dan baqa ma spjegax dan b' l-ebda mod; **illi ghallhekk jitwieled is-suspett fondat li l-istess perit ma kellux dik l-imparzjalita u l-indipendenza mixtieqa** minn persuna li tkun tista' tiddetermina id-drittijiet u obbligi civili ta' perusna billi l-perit kien mehtieg li ma jkollu l-ebda rabta mal-partijiet, jew almenu li dik ir-rabta tkun maghrufa u spjegat biex wiehed ma jkollu l-ebda hsieb hlief li l-gustizja saret skond il-ligi;*

*13.U Billi l-ligi tirregola l-procedura li ghandha tigi addottata f' kaz fejn fuq subbasta offerent favur minn tigi definittivament liberata il-proprjeta ma jaghmilx id-depositu mehtieg, u tali disposizzjonijiet huma intizi biex jipproteggu id-drittijiet sija tal-kreditur kemm ukoll tad-debitur;*

*14.Illi fir-rigward huwa utili li wiehed jigbed l-attenzjoni tal-Qorti li dan l-immobili hija l-proprjeta principali appartenenti lid-debitur, u l-fatt li din il-proprjeta ma tigix mibjugha bil-prezz gust taghha ser tkun ta' pregudizzju enormi ghad-debituri kif ukoll ghall-kredituri ohra tieghu, u tkun biss ta' vantagg manifest ghall-bank esekutant li ghandu kreditu pozjuri ghal kredituri ohrajn; u ghalhekk evidentement **l-interess tad-debituri kollha** li jesigu li dan il-bejgh jsir fir-rispett shih tal-ligi;*

*15.Illi stranament u ghall-ragunijiet lillhu biss maghrufa il-bank kreditur ghazel li ma jsegwiex dik il-procedura u li minflok jkompli is-subbast daqs li kieku l-liberazzjoni ma kienitx ga saret;*

*16.Illi dan ma hux permess mil-ligi u jippregudika b' mod car d-drittijiet tad-debituri;*

*17.Illi l-procedura stipulata mil-ligi hija stipulata b' mod tassattiv  u ma kienet tghati ebda ghazla lill-bank li jiddipartixxi minnha kif filfatt ghamel fil-kaz presenti;*

*18.Illi anke jekk il-bank ghazel li ma jsegwix dik il-procedura ma setax jkompli procedura ta' subbasta li kienet spiccat b' liberazzjoni definitiva u jinjora dik il-liberazzzjoni daqs li kieku qatt ma saret, u ghalhekk il-pretiza tal-bank kreditur li dina is-subasta ghandha titkompla fuq l-atti tas-subasta precedenti hija irregolari u illegali billi, kif espressament proferit minn dina l-Onorabbli Qorti bid-degriet li abbazi tieghu inzamm il-bejgh senjalatament bil-kliem "tiffissa l-jum tal-[data] ghall-bejgh finali u l-ahhar liberazzjoni," u ghallhekk il-pretiza tal-bank hija kontra l-proceudra dettata mill-ligi, u ghalhekk l-atti li saru wara l-istess liberazzjoni huma nulli u bla effett;*

*19.Illi inoltre b' degriet taghha il-Qorti stipulat li kull minn joffri ghandu jaghmel depositu ta' ghaxar telef euro qabel ma jigi ammessi li joffri liema rekwisit ma jirrisulta imkien mil-ligi u ghalhekk l-istess degriet mhux moghti fil-parametri tal-ligi u ghalhekk huwa null u ineffettiv;*

*20.Illi inoltre din is-subasta kif jirrisulta mill-atti taghha damet sospiza diversi drabi ghall-aktar min sena tul il-kors taghha u dan jinkludi s-segwenti perijodi: (a) mit-12 ta' Jannar 2006 sal-15 ta' Frar 2007; (b) mil-15 ta' Frar 2007 sal-24 ta' Gunju 2008; (c) mill-11 ta' Novembru 2008 u l-25 ta' Frar 2010. F'dawn il-perijodi ma kien hemm l-ebda appuntament ghas-subbasta u lanqas ma kien hemm xi nota maghmula in atti sabiex jigi interott il-perijodu ta' preskrizzjoni tal-procedura;*

*21. u ghalhekk ghat-tenur tal-**artikolu 351 tal-Kapitolu 12** l-atti ta' din is-subbasta huma nulli u irritwali billi f' diversi perijodi thallew sospizi ghall-aktar minn sena kif stipulat f' l-istess artikolu.*

Għaldaqstant, l-atturi talbu lill-qorti sabiex:

*1. Tiddikjara nulla u invalida in-nomina tal-perit fuq imsemmi ghar-ragunijiet li ser jirrizultaw tul it-trattazzjoni tar-rikors u partikolarment billi l-istess nomina ma saritx skond il-ligi u fi kwalsijasi kaz billi, ex admissis l-istess perit huwa klijent tal-bank esekutant u ghalhekk mhux persuna idonea biex jaghmel l-istess valutazzjoni tal-propjeta' subbastandi billi ma huwiex tali li jghati l-garanziji ta' indipendenza u imparzjalita rikjesti f' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif ukoll null u bla effett kull att relatat u sussegwenti ghall-istess nomina;*

*2. Tiddikjara nulli u inatttendibili l-atti li saru wara l-liberazzjoni li saret mill-Qorti fis-subbasta numru 10 tal-2006 u dan billi kif fuq spjegat dik is-subbasta kienet giet terminata definitivament b' dik il-liberazzjoni datat 6 ta' Dicembru 2012 u ma gewx segwiti l-proceduri indikati mill-istess ligi jekk il-persuna favur minn fond jkun gie liberat jonqos li jeffettwa d-depositu rikjest;*

*3. Tiddikjara null u bla effett id-digriet b' liema gew ristretti l-possibbili offerenti fis-subbasta billi dan id-degriet mhux awtorizzat mill-ligi;*

*4. Tiddikjara konsegwentement u ghar-ragunijiet fuq imsemmija nulla u inattendibili l-atti tas-subasta presenti, u dan mhux biss in konsiderazzjoni tal-premess imma anke billi l-istess subbasta thalliet f'diversi perijodi wieqfa ghall-izjed minn sena;*

*5. In difett tal-akkoljiment tat-talbiet fuq maghmula jigi dikjarat u deciz li l-istess subbasta ghandha tigi regolata mill-proceduri kif stipulati fil-ligi illum u mhux b'dawk vigenti fl-2006;*

*Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni in subizzjoni ta' l-intimati.*

Permezz ta' twegiba guramentata prezentata fis-7 ta' Ottubru 2014, il-bank konvenut iddikjara:-

*1. Illi hija uffiċjal tal-imsemmi bank u tahdem fl-ufficcju legali. Hi awtorizzata mill-imsemmi bank sabiex tirrapprezentah f'dawn il-proceduri u taghmel l-istqarrijiet ta' fatt u ta' dritt f'din il-kawza. Hi tistqarr ukoll illi l-fatti mistqarra huma maghrufin lilha mid-dokumenti tal-bank li ghalihom ghandha aċċess minhabba n-natura ta' xogholha.*

*2. Illi in linja preliminari hija tressaq l-eccezzjoni illi din il-kawza hija essenzjalment impunjazzjoni ta' att ezekuttiv, u li kwindi kellha ssir b'rikors sempliċi hekk kif provvdut mill-art.281 tal-Kap.12. ghalkemm dan ma jwassalx ghan-nullita' tal-att, ifisser illi kwalsiasi differenza fl-ispejjez tal-kawza ghandu jbatiha l-attur.*

*3. Illi hi tikkonferma illi m'ghandiex kummenti dwar l-ewwel hames paragrafi tar-rikors ġuramentat. Dwar is-sitt u seba' paragrafi tghid li l-artikolu 308 subinciz 4 huwa car li dak li qed jipprova jaghmel ir-rikorrent ma hux permess mill-ligi u li stima ma tistax tigi attakata.*

*4. Illi dak li huwa allegat bhala x'ikkonkluda il-perit tal-Qorti huwa minnu, iżda li dawk li huma kummenti dwar il-konkluzjonijiet peritali huma kontestati. L-argument miġjub illi wiehed jistenna li fuq medda ta' snin, il-valur kellu jiżdied u mhux jonqos, huwa argument dilettantistiku mitfugh addoċċ biex inkunu ghidna xi haġa. Wiehed jifhem illi la darba il-Qorti kellha fiduċja fil-perit in kwistjoni, dan huwa minhabba li hi tal-fehma li huwa kapaċi li jesprimi parir professjonali siewi. Il-gurisprudenza nostrali hija unanima fis-sens illi Qorti m'ghandiex twarrab "giudizio dell'arte" sakemm mhux ghal ragjunijiet serji. Jinghad illi f'materja ta' valur ta' prova dwar ir-rapport tekniku l-insenjament gurisprudenzjali huwa fis-sens li, ghalkemm ir-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra, l-Qorti m'hijiex tenuta li taccetta l-konkluzzjonijiet peritali kontra l-konvinzjoni taghha, il giudizio dell'arte kif espress mill-Perit Tekniku m'ghandux jigi skartat sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzzjonijiet peritali huma, fil-kompless kollu tac-cirkostanzi, irragjonevoli. Il-Qorti m'ghandhiex tiskarta il-konkluzzjonijiet tal-espert, specjalment fuq materja purament teknika, b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha ghandha tkun "infurmata u bbazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika" Inghad illi "f'materja ta' perizja teknika japplika l-principju li sakemm ma jigux indikati oggezzjonijiet gravi u serji ta' piz li jinducuha li tisostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak tekniku, dan ma taghmlux". Inghad ukoll illi "f'cirkostanzi bhal dawn ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenament jinoltra ruhhu fl-aspetti teknici tal-meritu imma ukoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik il-konoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkunu waslu ghalih l-esperti nominati. Ir-ragjuni moghtija mill-attur hija wahda purament spekulattiva priva minn kull taghrif u interpretazzjoni professjonali, u mhux talli mhix serja, iżda hija wahda fiergha.*

*5. Dwar id-disa' paragrafu hi tistqarr illi provenjenza tinsab inoltrata fil-process u ghalhekk l-allegazzjoni hija infondata.*

*6. Dwar il-paragrafi 10 sa 12, l-esponenti teccepixxi li ma hemm xejn kontra l-ligi fin-nomina tat-tieni perit, u xejn ma kien josta ghal nomina ta' perit iehor. L-illazzjoni tal-attur illi il-Qorti kienet marbuta li titlob lill-ewwel perit li jirrevedi ir-relazzjoni tieghu, u mhux tappunta perit ġdid, ma hi sorretta minn ebda artikolu tal-Ligi.*

*7. Dwar il-paragrafi 13 sa 18, l-esponenti tirrileva illi il-pozizzjoni hija espressament regolata mill-art. 329 li jipprovdi illi is-subasta titkompla u jiġi ordnat mill-gdid il-bejgh. Huwa spropozitu legali lampanti li l-attur qed jippostula illi kellha tinbeda subasta ġdida ghaliex*

*skond hu, saret liberazzjoni finali iżda l-offerent, ma wasalx għad-depożitu. L-artikolu appena citat, jikkontradiċi l-illazzjoni magħmula b'ħafna leġġerezza mill-attur.*

*8. Dwar il-paragrafu 19 l-esponenti tgħid li apparti li ma jidher li hemm xejn fil-liġi li jivvjeta din il-prekawzjoni sana u salubri, l-argument jaqleb il-verità rasha l'isfel. Propju il-fatt illi jkun sar id-depożitu jiggarantixxi illi l-offerenti ikunu persuni jew entitajiet serji, li ma jiġux jaħlu z-zmien ta' kullħadd, jagħmlu offerti imbagħad ma jersqux għall-ħlas. Ir-rikorrent naqas milli jispjega l-għala din il-kondizzjoni ma tistax tiġi imposta, u l-għala hi ħażina. Huwa ovvju għaliex din hi ħażina għalih: preċiżament għaliex tipprekludih milli jiftiehem ma xi offerent fażull biex jirrepeti dak li ġja ġara. Dak il-preġudizzju li qed isofri il-povru rikorrent. Dan l-ilment huwa għalhekk mingħajr bażi.*

*Dwar il-paragrafu 20 jingħad illi id-dati li juru perijodi fejn allegatament is-subasta ġiet sospiża huma skorretti. F'kull wieħed minn dawk il-perijodi kienu saru atti li jinsabu fil-process. Ara skeda ta atti ppresentati hawn annessa.*

*9. Illi minkejja li ma hemmx premessa fir-rigward tagħha, l-attur żelaq mat-talbiet, talba biex is-subasta, għanda se mai titkompla skond il-liġi viġenti wara l-emendi tas-sena 2006. Dan kien il-mertu tar-Rikors Guramentat numru 487/2012AF fl-ismijiet: Anthony Vassallo et Vs Id-Direttur Generali tal-Qrati et li biha l-attur ippretenda illi is-subasta li kienet tinsab appuntata, għandha ssegwi ir-regola introdotta bl-emenda għall-art.319 tal-Kap.12, permezz tal-Att XIV tal-2006. Cioe' kien qed jinsisti illi il-proprjeta' in subasta m'għandhiex tinbiegħ għal inqas minn sittin fil-mija tal-valur stmat mill-perit imqabbad mill-Qorti għall-istima. Izda, sentejn wara li nfetħet, din il-kawża tant m'għamlitx progress illi fit-18 ta' Gunju 2014 il-Qorti diversament preseduta kienet ikkancellat il-kawża li ma reggħetx giet riappuntata. Dana dejjem mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni fis-sens illi Fl-Att XIV/2006 l-artikolu 107 li huwa klawżola tranżitorja jgħid testwalment hekk:*

> *107. Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jgħoddu għal proċeduri l-ġodda li jiġu pprezentati jew jinbdew wara l-bidu fis-seħħ ta' l-imsemmija disposizzjonijiet. Mandati kawtelatorji u eżekuttivi <u>mibdija u li għadhom pendenti jibqgħu validi u tapplika dwarhom il-liġi kif kienet qabel:</u>*
>
> *Iżda kull mandat kawtelatorju li jkun għadu pendenti meta jidħol fis-seħħ dan l-Att għandu, mid-data ta' dak il-bidu fis-seħħ, jiġi regolat bid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.*

*Din id-dicitura ma tista' tħalli l-ebda spazju għall-interpretazzjoni għaliex hija ċara u evidenti. Il-leġizlatur ried illi il-proceduri eżekuttivi (f'dan il-każ is-subasti) ġja inoltrati qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att XIV/2006 jibqgħu regolati mill-liġi kif kienet qabel. Din l-interpretazzjoni ġiet, difatti, ġja akkolta minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-digriet definittiv tat-30 ta' Jannar 2012 li caħad il-mandat t'inibizzjoni 17/12. Għall-eliminazzjoni ta' kull dubbju jiġi wkoll sottomess illi l-istess artikolu 107 daħal fis-seħħ fl-24 t'Ottubru 2006, in forza tal-avviż legali 254/2006, u għalhekk ma hemm l-ebda dubbju dwar l-applikabbilta' tiegħu.*

*Illi għal dawn il-motivi huwa sottomess illi it-talbiet istanti għandhom jiġu michudin bl-ispejjeż kontra tagħhom, filwaqt li l-atturi jibqgħu ngunti għas-subizzjoni.*

Il-qorti semghet it-trattazzjoni tad-difensuri u rat l-atti, inkluzi l-atti tas-subbasta 10/2006.

Il-kawza titratta dwar il-bejgh bl-irkant ir-razzett *Ringleader*, Dingli li sehh fl-14 ta' Ottubru 2014 u nxtara mill-HSBC Bank Malta plc ghall-prezz ta' €550,000. Jirrizulta li fl-4 ta' Marzu 2014 kien gie pprezentat rapport mill-perit Alexei Pace (fol. 545)[1] li kien irrelata li fil-fehma tieghu l-valur tal-fond kien ta' €3,450,000. Qabel il-bejgh bl-irkant tal-14 ta' Ottubru 2014, fis-6 ta' Dicembru 2012 il-fond kien diga' nbiegh bl-irkant lil Vincenzo Antonio Gualato ghall-prezz ta' €1,900,000. Fil-process verbal tar-Registratur ta' dak l-ewwel bejgh, jinghad hekk:-

*"Billi ma deher hadd biex joffri aktar mill-ahhar offerta li saret u wara li din l-ahhar u l-aqwa offerta giet imxandra ghal tliet darbiet, l-imsemmija proprjeta giet liberata kif ga ntqal taht is-soliti kondizzjonijiet favur Gualato Vincenzo Antonio (karta tal-identita Taljana AN 7310791)"* (fol. 363).

Jirrizulta li f'dak il-bejgh il-bank konvenut kien ghamel offerti u l-oghla offerta li ghamel kienet ta' €1,810,000.

Mill-atti jirrizulta li x-xerrej baqa' ma ddepozitax il-prezz fiz-zmien kontemplat mil-ligi. B'rikors prezentat fis-17 ta' Jannar 2013 il-bank konvenut talab lill-qorti sabiex:-

*"(a) jerga' jigi ffissat, jum hin u lok biex issir il-liberazzjoni finali tal-proprjeta subbastata"*, flimkien ma' talbiet ohra (fol. 459).

Fi twegiba prezentata fl-20 ta' Frar 2013, l-atturi argumentaw li l-immobbli kellu jerga' jigi stmat peress li l-istima originali kienet ilha hames snin li saret. Qalu wkoll li l-bejgh fl-irkant kellu jsir skond il-procedura li: *"..... trid tirrispetta r-regolamenti llum in vigore dwar is-subbasti"*. B'digriet moghti fit-30 ta' Mejju 2013 (fol. 484) il-qorti qalet:-

*"In vista tac-cirkostanzi tal-kaz din il-Qorti ma tara xejn anomalu li takkordah biex jigu salvagwardati d-drittijiet tal-kredituri u anki tad-debituri fl-interess tal-gustizzja. Il-Qorti pero tqies illi ghandu jinhatar perit tekniku Konrad Farrugia[2] biex jaghmel valutazzjoni gdida tal-fond biex jinghata valur realistiku stante t-trapass ta' zmien u kumplikazzjonijiet li qamu qabel mal-fond jitpogga ghal bejgh b'subbasta. L-offerent li jippartecipa fil-bejgh ghandu*

[1] Il-perit tekniku gie nominat b'digriet tas-6 ta' Settembru 2013 (fol. 494).
[2] B'digriet tal-1 ta' Awissu 2013 (fol. 491) gie nominat il-perit Konrad Buhagiar u mbaghad b'digriet tas-6 ta' Settembru 2013 (fol. 494) gie nominat il-perit Alexei Pace.

*jiddepozita fir-registru tal-qorti s-somma ta' €10,000 li jergghu jittiehdu lura jekk ma jakkwistax il-fond u jintilfu jekk il-kompratur eventwali li jkun ippartecipa ma jiddepozitax il-prezz fiz-zmien stabbilit mil-ligi.*

***Finalment il-bejgh ghandu jsehh qiesu qed isir mill-gdid**. Ghalhekk qed jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrent bl-eccezzjoni ta' dawk markati 'b', 'f' u 'g' stante dak kontenut f'dan id-digriet"* (enfazi mizjuda).

F'bejgh fl-irkant ta' immobbli ma tistax tigi accettata offerta li tkun inqas minn 60% tal-valur li l-fond ikun gie stmat (Artikolu 319(5) tal-Kap. 12). Emenda li kienet giet introdotta bl-Att XIV tas-sena 2006. Skond l-Artikolu 107 ta' dak l-Att:

*"Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att jghoddu ghal proceduri l-godda li jigu pprezentati jew jinbdew wara l-bidu fis-sehh ta' l-imsemmija disposizzjonijiet. Mandati kawtelatorji u ezekuttivi mibdija u li ghadhom pendenti jibqghu validi u tapplika dwarhom il-ligi kif kienet qabel".*

F'dan ir-rigward il-qorti tosserva li:-

i. L-ewwel bejgh fl-irkant sar fis-6 ta' Dicembru 2012 meta l-fond inxtara minn Gualato. B'applikazzjoni tal-Artikolu 107 tal-Att XIV tas-sena 2006[3], ghall-ewwel bejgh kienet tapplika l-procedura kif kienet qabel dahlu fis-sehh l-emendi. Dan peress li r-rikors li bih intalab il-bejgh fl-irkant tal-fond kien prezentat **fit-12 ta' Jannar 2006.**

   Il-bejgh fl-irkant iggib maghha l-liberazzjoni finali tal-fond favur ix-xerrej, u dan irrispettivament jekk ix-xerrej jiddepozitax il-prezz jew le. Fil-fatt l-Artikolu 328 tal-Kap. 12 kien jipprovdi:

   *"Ix-xerrej f'kaz ta' bejgh ta' immobbli, jew ta' jeddijiet imghaqqdin ma' immobbli, jew ta' bastimenti, ghandu jiddepozita l-prezz fi zmien sebat ijiem **minn dak in-nhar tal-liberazzjoni finali**; u fi zmien erbgha u ghoxrin siegha mil-liberazzjoni, fil-kaz ta' hwejjeg mobbli ohra".*

   Ghalhekk il-liberazzjoni finali ma tiddependix mid-depozitu tal-prezz u ssehh qabel isir id-depozitu tal-prezz. Bil-liberazzjoni finali l-bejgh fl-irkant ikun gie konkluz. Tant hu hekk li skond l-Artikolu 329(2) tal-Kap. 12:

[3] Il-provvediment dahal fis-sehh fl-24 ta' Ottubru 2006 (ara Avviz Legali 254 tal-2006).

*"(2) Minbarra dan, f'kull każ bħal dan, il-ħwejjeġ mibjugħa jistgħu, fuq talba b'rikors tal-esekutant jew tal-esekutat, **jerġgħu jinġiebu fl-irkant bi spejjeż tax-xerrej**; u meta jsir dan, jekk l-offerti jkunu iċken, ix-xerrej jibqa' jwieġeb għad-differenza; u jekk l- offerti jkunu ogħla, id-differenza tmur favur l-esekutat, iżda tibqa' suġġetta għall-jeddijiet tal-esekutant"*.

Il-ligi stess qeghda tikkontempla sitwazzjoni fejn: *"…. **Il-hwejjeg mibjugha** jistghu, ….., jergghu jingiegbu fl-irkant bi spejjez tax-xerrej"*. Bil-liberazzjoni finali l-bejgh hu perfett[4]. Jibqa' li ssir il-kunsinna li fil-kaz ta' beni mmobbli li jinbieghu fl-irkant bil-qorti *"…. Issir ipso jure bil-liberazzjoni finali u bid-depozitu tal-prezz fil-qorti jew bl-approvazzjoni tat-tpacija"* (Artikolu 331(1) tal-Kap. 12). Pero' 'l fatt li ma tkunx ghadha saret il-kunsinna tal-immobbli lix-xerrej ma jfissirx li l-bejgh ma jkunx perfett[5]. Il-kunsinna titratta dwar il-pussess tal-beni mibjugh u mhux it-trasferiment tal-proprjeta. Bejgh fl-irkant bil-qorti hu wiehed mill-att ezekuttivi kontemplati fl-Artikolu (Artikolu 273) tal-Kap. 12. Fil-fehma tal-qorti l-Artikolu 329(2) tal-Kap. 12 qieghed jikkontempla bejgh gdid li m'ghandu x'jaqsam xejn mal-ewwel bejgh. Il-ligi tipprovdi wkoll li x-xerrej ghandu jigi notifikat bid-digriet li jinghata fuq ir-rikors sabiex il-fond jerga' jingieb fl-irkant (Artikolu 329(3) tal-Kap. 12). Il-qorti tifhem li l-ligi timponi dan proprju ghaliex ix-xerrej[6] ikun akkwista l-fond tant li saret il-liberazzjoni finali favur tieghu. Sahansitra sabiex l-oggett jinbiegh it-tieni darba, l-ezekutant jew l-ezekutat iridu jaghmlu rikors. Fil-fehma tal-qorti din hi procedura gdida u mhux kontinwazzjoni ta' dak li sar qabel. 'Il fatt li r-rikors jigi pprezentat fl-atti tal-ewwel subbasta ma jfissirx li dik hi l-istess procedura. Ir-rikors hu l-mezz li bih tibda l-procedura ghall-ezekuzjoni tat-titolu ezekuttiv li l-bank konvenut ghandu fil-konfront tal-atturi.

ii. L-ghan wara l-Artikolu 319(5) tal-Kap. 12 kien proprju biex ma tibqax tipprevali sitwazzjoni fejn diversi debituri kienu qeghdin jitilfu hwejjighom *for a pittance*. Kull min hu midhla tal-procedura kif kienet qabel dahlu fis-sehh l-emendi ntrodotti bl-Att XIV tas-sena 2006 jaf li diversi kredituri ezekutanti, kif inhuma l-banek, kienu qeghdin jixtru huma stess l-immobbli tad-debituri bi prezz hafna nqas mill-istima li tkun saret mill-perit inkarigat mill-qorti u fl-istess hin il-bilanc tal-kreditu jibqa' jezisti[7]. Il-procedura li kellna qabel l-emendi kienet kemm-il darba taghti lok ghal sitwazzjoni fejn

[4] Fis-sentenza Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri proprio et nomine (26 ta' Jannar 1996), il-Qorti tal-Appell qalet li fil-kaz ta' bejgh b'irkant mill-Qorti *"…. l-liberazzjoni finali hi ekwiparata ghall-kuntratt pubbliku li f'tali cirkostanza ma jkunx mehtieg"*.

[5] Tant hu hekk li l-Artikolu 1385 tal-Kodici Civili jipprovdi: *"Jekk il-bejjiegh jonqos li jaghmel il-kunsinna, fiz-zmien miftiehem, ix-xerrej jista' jitlob, kif jaghzel hu, jew li l-kuntratt jigi mahlul, jew li huwa jigi mqieghed fil-pussess tal-haga mibjugha, izda dan kemm-il darba d-dewmien ikun gie kkagunat mill-bejjiegh biss"*.

[6] Li ma jkunx iddepozita l-prezz.

[7] F'dan il-kaz l-istima tal-perit Alexei Pace kienet €3,450,000. Il-bank konvenut akkwista l-immobbli ghall-prezz ta' €550,000, igifieri 15.94% tal-istima tal-perit Pace. Dan meta fl-ewwel bejgh l-istess bank konvenut offra li jixtri ghall-prezz ta' €1,810,000. Dan il-kaz hu prova ta' kemm il-procedura qabel l-emendi ntrodotti bl-Att XIV tal-2006 kienet tippregudika l-posizzjoni tad-debitur esekutat.

debitur facilment jitlef gidu u jispicca midjun ghal ghomru irrispettivament mill-valur li jkollha l-proprjeta li tinbiegh fl-irkant. L-emenda ntrodotta bl-Att XIV tas-sena 2006 kellha l-hsieb li ttaffi din l-ingustizzja cara.

iii. Id-digriet tat-30 ta' Mejju 2013 laqa' t-talba tal-bank sabiex *"a) jerga' jigi ffissat, jum, hin u lok biex issir il-liberazzjoni finali tal-proprjeta subbastata"* (rikors tas-17 ta' Jannar 2013, fol. 458). Dak id-digriet ma seta' qatt ta lok biex tigi segwita xi procedura differenti mir-regoli li japplikaw ghall-bejgh fl-irkant bil-qorti, kemm jekk kellha tigi segwita l-procedura skond il-ligi vigenti qabel l-emendi ntrodotti bl-Att XIV tal-2006 u kemm il-porcedura wara li dahlu fis-sehh l-emendi. Sahansitra tant il-qorti kienet cara li ghandha tigi segwita l-procedura kontemplata mil-ligi li cahdet it-talba (g) tal-istess rikors li permezz taghha l-bank kien qieghed jipprova jeskludi li jsiru offerti godda fil-*quindena* (Artikolu 327 tal-Kap. 12) u li l-fond jinbiegh ghall-oghla offerta li ssir fuq l-offerta li kien ghamel il-Bank of Valletta plc (€260,000)[8] meta nkisret il-kwindena fl-ewwel bejgh.

iv. Fit-twegiba guramentata l-bank konvenut ghamel l-enfazi fuq il-kliem: *"Mandati kawtelatorji u ezekuttivi mibdija u li ghadhom pendenti jibqghu validi u tapplika dwarhom il-ligi kif kienet qabel"* (Artikolu 107 tal-Att XIV tal-2006)[9]. Pero' r-rikors li bih jintalab il-bejgh fl-irkant ta' oggetti m'huwiex mandat ezekuttiv izda att ezekuttiv. Il-ligi tipprovdi liema huma mandati (Artikolu 273 tal-Kap. 12) u r-rikors ghall-bejgh bl-irkant fil-qorti m'huwiex wiehed minnhom.

v. Ukoll jekk wiehed kellu ma jaqbilx mal-fehma tal-qorti li ghat-tieni bejgh fl-irkant kellhom japplikaw il-provvedimenti tal-ligi kif emendati bl-att XIV tas-sena 2006, jirrizulta li l-fond inbiegh u gie liberat favur il-bank konvenut ghas-somma ta' €550,000. L-istima tal-perit Alexei Pace kienet ta' €3,680,410. Fid-digriet tat-30 ta' Mejju 2013 il-qorti kienet cahdet talba (g) tar-rikors tal-bank konvenut[10] u ordnat li ***".... Il-bejgh ghandu jsehh qiesu qed isir mill-gdid"***. Fir-realta' wkoll kieku l-qorti ma qalitx hekk, din il-qorti diga' kkonkludiet li meta xtara Gualato il-bejgh kien konkluz. Ghaldaqstant, fit-tieni bejgh il-fond ma seta qatt jigi liberat favur il-bank konvenut ghaliex fl-14 ta' Ottubru 2014, data meta saret il-liberazzjoni finali tal-fond favur il-bank konvenut[11], ma saret l-ebda offerta li *'tiskorri n-*

[8] Fit-13 ta' Gunju 2012 kien deher ir-rapprezentant tal-Bank of Valletta plc u ghamel offerta ta' €260,000. Dan wara li fit-12 ta' Gunju 2012 kienet saret offerta mill-HSBC Bank Malta plc ghax-xiri tal-fond ghall-prezz ta' €250,000.

[9] Ara paragrafu 9 tat-twegiba guramentata. Ara wkoll id-digriet li nghata minn din il-qorti (Imhallef F. Sacco) fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 17/2012 fl-ismijiet **Anthony Vassallo et vs Id-Direttur Generali et** (3 ta' Jannar 2012) fejn hu evidenti li l-qorti qablet mat-tezi tal-bank.

[10] *"Illi l-fond jinbiegh b'kwalunkwe prezz tal-oghla offerta ta' dakinhar li tizboq dik tal-ksur tal-kwindena mill-Bank of Valletta plc bla ebda ksur ulterjuri ta' kwindena f'dan l-istadju"*.

[11] Fil-process verbal jinghad: *"Billi ma deher hadd biex joffri aktar mill-ahhar offerta li saret u wara li din l-ahhar u l-aqwa offerta giet imxandra ghal aktar minn tliet darbiet, l-imsemmija proprjeta' giet*

*nofs ta' l-istima'* (Artikolu 324 tal-Kap. 12[12]). Inoltre, lanqas ma deheru mill-inqas tlett offerenti (fol. 839)[13]. Gialadarba kien bejgh gdid, ukoll jekk ghall-grazzja tal-argument biss wiehed kellu jaqbel li kellha tapplika l-procedura kif kienet qabel dahlu fis-sehh l-emendi tal-2006, kellhom jigu segwiti l-provvedimenti kollha tal-ligi (inkluz l-Artikolu 324 tal-Kap. 12). Haga li f'dan il-kaz ma saritx. Dan kontra d-digriet stess li tat il-qorti fit-30 ta' Mejju 2013.

Ghalkemm din il-kawza giet proposta qabel sar it-tieni bejgh, il-qorti hi tal-fehma li ma tistax tiskarta dak li gara wara u li wassal biex fl-14 ta' Ottubru 2014 isir il-bejgh. Fin-nuqqas il-qorti tkun qeghda tahrab mill-problema u thalli l-kwistjoni pendenti.

L-atturi ressqu lmenti ohra:-

(I) M'hemm xejn fil-ligi li t-tieni stima kellha ssir mill-perit Paul Micallef, li kien ghamel l-ewwel stima, u anzi jidher li l-perit Pace nhatar skond ma jipprovdi l-Artikolu 308 tal-Kap. 12. Il-qorti ma tifhimx kif l-atturi ghamlu dan l-argument meta huma stess jargumentaw li l-bejgh fl-irkant bil-qorti kellu jsir skond il-provvedimenti kif emendati bl-Att XIV tal-2006.

(II) Kif rajna l-perit Micallef ta stima ta' €3,680,410 (1 ta' Settembru 2006) filwaqt li l-perit Alexei Pace ta stima ta' €3,450,000 (4 ta' Marzu 2014). Stima tal-valur ta' immobbli hi soggettiva. Il-qorti ma tara xejn stramb u rregolari ghal fatt li t-tieni perit ghamel stima li hi inqas mill-ewwel wahda b'€230,410 u dan minkejja li kienu ghaddew kwazi tmien snin mill-ewwel stima. F'kull kaz l-Artikolu 308(4) tal-Kap. 12 jipprovdi li *"L-istima ma tistax tigi attakkata …….".*

(III) L-atturi lmentaw li l-istima m'hijiex konformi mal-Artikoli 308(2) u 310(1) tal-Kap. 12, ghaliex m'hemmx deskrizzjoni tal-provenjenza tal-fond. Hu veru li fl-istima m'hemmx taghrif dwar l-ahhar trasferiment, pero' qabel sehh il-bejgh bl-irkant l-atturi kellhom kull opportunita' li jissollevaw dan il-punt sabiex jekk ikun hemm bzonn issir korrezzjoni (ara Artikolu 308(4) tal-Kap. 12). Dan apparti li t-taghrif messu nghata mill-atturi stess (ara

---

*liberata kif ga ntqal bil-prezzijiet hawn fuq imsemmija taht is-soliti kondizzjonijiet tal-kwindena favur HSBC Bank Malta plc"* (fol. 840).

[12] Qabel dan il-provvediment thassar bl-Att XIV tal-2006, kien jaqra:
*"Il-liberazzjoni ma ssirx dak in-nhar ta' l-irkant –*
*(a) meta ma jidhrux mill-anqas tliet offerenti;*
*(b) meta fl-irkant ta' immobbli jew ta' jeddijiet mghaqqdin ma' immobbli, l-ebda offerta ma tkun tiskorri n-nofs ta' l-istima;*
*(c) meta, fl-irkant ta' oggetti tad-deheb jew tal-fidda, ebda offerta ma tilhaq il-valur tal-materjal ta' l-oggett;*
*Izda d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (a) ta' dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw ghall-bejgh ta' hwejjeg mobbli li ma jkunux bastimenti jew bcejjec tal-bahar, ingenji ta' l-ajru, oggetti tad-deheb jew tal-fidda, ishma jew poloz ta' l-assigurazzjoni".*

[13] Offerenti kien hemm biss il-Bank of Valletta plc u HSBC Bank Malta plc.

Artikolu 310 tal-Kap. 12). F'kull kaz il-qorti ma taqbel xejn mat-tezi tal-atturi li dan in-nuqqas seta' kien ta' deterrent ghal xerrejja prospettivi.

(IV) M'hemmx prova li l-perit tekniku ma kienx imparzjali u ndipendenti. F'dan ir-rigward issir riferenza ghad-deposizzjoni tal-perit Pace (seduta tad-9 ta' Frar 2015). Fil-fehma tal-qorti 'l fatt biss li l-perit ghandu xi kontijiet bankarji mal-bank konvenut m'hijiex raguni tajba sabiex il-perit tekniku jirrifjuta l-inkarigu jew jigi rikuzat.

(V) M'hemmx prova li l-atti tal-bejgh fl-irkant damu sospizi ghal iktar minn sena (Artikolu 351 tal-Kap. 12). F'rikors li l-atturi pprezentaw fil-5 ta' Dicembru 2012 (fol. 359), kienu diga' allegaw li l-procedura kienet damet sospiza ghal iktar minn sena mit-12 ta' Jannar 2006, mill-15 ta' Frar 2007 u mill-11 ta' Novembru 2008. B'digriet moghti fis-6 ta' Dicembru 2012 (fol. 361) il-qorti qalet: *"….. ma jirrizultax lill-qorti illi s-subbasta ilha wieqfa ghal aktar minn sena mid-data tad-digriet fuq imsemmi mid-data tad-digriet fuq imsemmi, cioe' d-data rilevanti ghall-applikazzjoni tal-Art. 351, tichad it-talba"*. Il-qorti rat l-atti u taqbel perfettament mad-digriet tas-6 ta' Dicembru 2012.

(VI) Il-qorti kienet ukoll ordnat li kull min kien behsiebu joffri kellu mill-inqas jumejn qabel il-bejgh jiddepozita fir-Registru tal-Qorti s-somma ta' €10,000, ammont li seta' jiehu lura jekk ma jakkwistax il-fond filwaqt li jintilef jekk jixtri l-fond u ma jiddepozitax il-prezz[14]. Fil-ligi m'hemmx provvediment li jaghti lill-qorti l-awtorita' li timponi kundizzjoni simili. Pero' lanqas m'hemm provvediment li jeskludi l-ghoti ta' ordni simili. Madankollu fil-fehma tal-qorti bejgh fl-irkant ghandu jsir skond id-disposizzjonijiet tal-ligi. Hi l-fehma ta' din il-qorti li gialadarba m'hemmx provvediment li jaghti l-poter lill-qorti li timponi xi kundizzjoni li fid-diskrezzjoni taghha jkun jidhrilha li hi flokha li timponi skond ic-cirkostanzi tal-kaz li jkollha quddiemha, l-bejgh fl-irkant bil-qorti ghandu jsir skond ir-regoli stabbilit mil-ligi. Dan ma kienx kaz ta' bejgh b'licitazjoni li ssir taht is-setgha tal-qorti, fejn il-ligi stess taghti s-setgha lill-qorti li tistabbilixxi kif ghandu jsir fl-interess tal-partijiet (Artikolu 521 tal-Kodici Civili). Id-deterrent fil-konfront ta' min jaghmel offerta b'intenzjoni hazina nsibuha fl-Artikolu 329 tal-Kap. 12, fis-sens li xerrej:-

(a) jista', fuq talba tal-kreditur jew debitur, jigi kkundannat ghall-arrest tal-persuna;
(b) ix-xerrej jibqa' jwiegeb ghad-differenza f'kaz li fit-tieni bejgh l-offerti jkunu iktar baxxi mill-prezz tal-ewwel bejgh;

Madankollu l-qorti m'hijiex tal-fehma li l-ordni tal-ghoti tal-garanzija twassal ghan-nullita' tal-bejgh fl-irkant, in kwantu l-qorti hi konvinta li min verament kellu nteress li joffri l-immobbli oggett tal-irkant bi stima ta' €3,680,410, ma kienx ser jitnaffar ghaliex il-qorti ordnat li jsir depozitu ta' ammont ta' €10,000 li hu tant konservattiv meta tqies l-istima tal-valur. F'kull kaz lanqas m'hemm prova li kien

[14] M'hemmx prova li l-uniku zewg offerenti (HSBC Bank Malta plc u Bank of Valletta plc) iddepozitaw is-somma ta' €10,000 jumejn qabel sar il-bejgh.

hemm xi hadd interessat joffri u biddel fehemtu proprju minhabba dik il-kundizzjoni.

Fit-tieni paragrafu tat-twegiba tal-konvenuta ddikjarat li l-attrici kellha tipproponi rikors ai termini tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12 u mhux rikors guramentat. L-Artikolu 281 tal-Kap. 12 jipprovdi li persuna li kontriha ikun inhareg att ezekuttiv tista' taghmel rikors ghar-revoka ta' dak l-att ezekuttiv:

*"sew ghal kollox jew f'parti minn biss, ghal raguni valida skond il-ligi".*

L-atturi facilment setghu jipproponu rikors taht l-Artikolu 281 tal-Kap. 12. Madankollu ma jirrizultax li f'xi zmien l-atturi pproponew rikors skond l-Artikolu 281 tal-Kap. 12. Meta l-atturi pprezentaw din il-kawza t-tieni bejgh kien ghadu ma sarx. Ovvjament wara li sar il-bejgh fl-irkant u l-immobbli gie liberat lill-bank, sfumat fix-xejn il-possibilita' li l-atturi jipproponu rikors skond l-Artikolu 281. Ovvjament dan ma jfissirx li l-kawza proposta mill-atturi hi nulla. Pero' l-qorti ser tiehu in konsiderazzjoni dan 'il fatt fil-kap tal-ispejjez.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **B'riferenza ghall-eccezzjoni f'paragrafu numru tnejn (2) tat-twegiba tikkonferma li l-atturi setghu pproponew rikors taht l-Artikolu 281 tal-Kap. 12 u ghalhekk ser tqies dan fil-kap tal-ispejjez.**
2. **Tichad l-ewwel talba.**
3. **Tilqa' t-tieni talba pero fis-sens li wara l-liberazzjoni finali tas-6 ta' Dicembru 2012 il-bejgh kien perfett, izda ma gietx segwita l-procedura li kienet tapplika meta fit-tieni bejgh il-fond gie liberat favur il-bank konvenut ghall-prezz ta' €550,000 meta suppost il-fond kellu jerga' jinbiegh bl-irkant bil-qorti skond ir-regoli li kienu dahlu fis-sehh bl-Att XIV tal-2006[15]. F'dan ir-rigward ghalhekk ma taqbilx mar-ragunament tal-bank konvenut propost fid-disa' paragraftu tat-twegiba guramentata.**
4. **Tichad it-tielet talba.**
5. **Fir-rigward tar-raba' talba tichad it-talba in kwantu tirreferi ghall-ilmenti l-ohra tal-atturi, fosthom li l-bejgh bl-irkant thalla sospiz ghall-perjodi ta' iktar minn sena (ara dik il-parti tas-sentenza li tibda bil-kliem: *"L-atturi ressqu lmenti ohra:-....."*. M'hemmx htiega ta' xi dikjarazzjoni ulterjuri fir-rigward ta' din it-talba in vista ta' dak**

[15] F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-Artikolu 319(5) tal-Kap. 12.

**dikjarat f'paragrafu tnejn (2) ta' din il-parti dispozittiva tas-sentenza.**

6. **In vista ta' dak li nghad hawn fuq m'hemmx htiega li taghmel dikjarazzjoni fir-rigward tal-hames talba u f'kull kaz dik it-talba saret fl-istadju meta t-tieni bejgh kien ghadu ma sarx[16].**

**Spejjez jinqasmu in kwantu ghal 55% a karigu tal-bank konvenut u 45% a karigu tal-atturi in vista ta' dak li nghad hawn fuq u gialadarba kien hemm diversi lmenti li dwarhom l-atturi ma nghatawx ragun.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[16] Ir-rikors guramentat gie pprezentat fl-24 ta' Settembru 2014.